Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 20/2016

**GasanMamo Insurance Limited (C3143)**
**kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Joseph Camilleri**
**u l-istess Joseph Camilleri (KI Numru 439048M)**
**(appellata)**

**Vs**

**Anthony Axiak (appellant)**
**u Jonathan Aquilina bħala kjamat in kawża**

17 ta' Novembru, 2017.

1. Permezz ta' Avviż ta' Arbitraġġ ippreżentat fit-8 t' April 2011, is-soċjetà GasanMamo Insurance Limited (C-3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Joseph Camilleri u l-istess Joseph Camilleri (ID No 439048M) talbet li titħallas danni fl-ammont ta' €2000.21 wara inċident tat-traffiku li ġara ġewwa ż-Żejtun fl-20 ta' Mejju 2009, meta l-vettura numru ZUM 001 proprjetà ta' Joseph Camilleri ġiet milquta mill-vettura numru GVP 417 misjuqa mill-intimat Anthony Axiak, flimkien mal-imgħaxxijiet mid-data tal-ittra uffiċjali datata 19 ta' Jannar 2011 u l-ispejjeż ta' din il-proċedura u tal-istess ittra uffiċjali.

2. Permezz ta' risposta ppreżentata fl-4 ta' Ottubru 2011, l-intimat wieġeb li m' għandux jinstab responsabbli għall-inċident *de quo* in kwantu dan seħħ unikament tort tas-sewwieq ta' vettura oħra bin-numru LAJ-427, ossija Jonathan Aquilina, li ma ħarisx l-obbligi tiegħu bħala sewwieq u għamel manuvra perikoluża. B'hekk talab il-kjamat in kawża tal-imsemmi Jonathan Aquilina.

3. Permezz ta' risposta ppreżentata fis-6 ta' Jannar 2012, il-kjamat in kawża wieġeb li l-inċident ma seħħx tort tiegħu iżda unikament b'tort ta' Anthony Axiak. Mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni tar-responsabbilità tal-akkadut, iddikjara ulterjorment li s-somma ta' danni pretiża mhijiex kontestata.

4. Fis-26 ta' Lulju 2016 it-Tribunal tal-Arbitraġġ iddeċieda li l-kawża tal-inċident kienet manuvra azzardata da parti tal-intimat Axiak u konsegewentement ikkonkluda li jaħti unikament għall-inċident tat-traffiku li seħħ fl-20 ta' Mejju 2009 fiż-Żejtun, u konsegwentement ikkundanna lill-istess intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €2000.21 bl-imgħax mis-19 ta' Jannar 2011, bl-ispejjeż.

5. Illi minn din id-deċiżjoni appella Anthony Axiak fil-11 t' Awissu 2016. L-aggravji tiegħu huma li t-Tribunal:

   a. applika l-liġi ħażin;
   b. għamel apprezzament ħażin tal-provi; u
   c. ma kellux jordna li l-intimat għandu jħallas l-imgħaxxijiet mid-data tal-ittra uffiċjali, ossija mid-19 ta' Jannar 2011.

6. B'risposta datata 23 ta' Awissu 2016 Joseph Camilleri wieġeb li fil-mertu d-deċiżjoni appellata hi ġusta u timmerita konferma b'dan illi l-appell ta' Anthony Axiak għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-istess Axiaq.

7. Fit-12 ta' Settembru 2016 Jonathan Aquilina wieġeb ukolll li l-appell tal-intimat huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż, filwaqt li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

8. L-inċident oġġett tal-kawża seħħ fl-20 ta' Mejju, 2009 fi Vjal-Ħamsa u Għoxrin ta' Novembru, Żejtun. Il-mutur tal-appellant u l-vettura tal-imsejjaħ fil-kawża kienu t-tnejn qegħdin jinstaqu fl-istess direzzjoni.

9. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jikkontendi li t-Tribunal kien skorrett meta kkonkluda:-

   - li fil-ħin tal-inċident l-appellat Aquilina kien qiegħed jaqsam fuq dik il-parti fejn il-linja medjana tat-triq hija interrotta u dan meta fl-istess waqt iddeċieda li l-post fejn seħħ l-inċident l-linja medjana tat-triq hija waħda kontinwa;
   - li fil-ħin tal-inċident l-appellant ma kellux sirena mixgħula; u
   - li huwa '*kemmxejn* stramb' li fil-ħin tal-inċident l-appellant kien qiegħed isuq b' veloċità moderata.

10. Dwar dan l-aggravju, l-appellat Aquilina wieġeb illi mill-provi jirriżulta li:

- l-vettura tal-attur kienet parkeġġata fil-ħin tal-inċident;
- il-linja medjana tat-triq in kwistjoni hija kontinwa;
- il-linja medjana tat-triq hija nterrotta f'dik il-parti tat-triq quddiem ir-razzett;
- sabiex idur lejn id-direzzjoni ta' Żammit Farm, Aquilina għafas mal-linja medjana, xegħel l-indicator u ħares fil-mirja tal-ġenb kif ukoll tan-nofs;
- għalkemm l-intimat appellant xehed li kien fuq emerġenza fil-ħin tal-inċident, u li kellu s-sinjali akustiċi u viżivi biex juru dan, il-kjamat in kawża ma sema' ebda sirena la qabel u wara l-inċident apparti l-fatt li l-konvenut appellant kien għaddej b' veloċità moderata li tikkontraddiċi l-fatt li kien fuq emerġenza;
- l-appellant ikkonferma li l-intenzjoni tiegħu kienet li jagħmel manuvra ta' sorpass minkejja li l-linja tat-triq hija waħda kontinwa.

11. Il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal dwar il-linja medjana tat-triq fil-post fejn seħħ l-inċident kienu s-segwenti:

> *'l-arbitru ma jistax jinjora l-fatt illi fil-post fejn seħħ l-inċident l-linja medjana tat-triq hija waħda kontinwa, fatt mhux kkontestat, li jfisser illi wieħed ma jistax jaqla u jmur fuq il-karreggata opposta. Din ir-regola ma tapplikax għal Aquilina billi fil-ħin tal-inċident huwa kien qiegħed jaqsam fuq dik il-parti fejn il-linja medjana hija interrotta.*
>
> *ġia la darba ġie kkonstatat illi l-linja medjana tat-triq kienet waħda kontinwa għandu jsegwi illi l-manuvra tal-intimat Axiak meta ttenta illi jeffettwa manuvra ta' sorpass u qasam l-istess linja medjana tat-triq kienet waħda projbita.'*

12. Mill-*inċident report* anness mal-Avviż ta' Arbitraġġ jirriżulta li l-appellat u l-kjamat in kawża għamlu s-segwenti dikjarazzjonijiet:

> '*Car No. LAJ427*
> *Jien waqaft f' nofs ta' triq sabiex nidħol fl-għalqa. Xgħelt l-indikatur li ħa nikser fuq in-naħa tal-lemin, rajt li mhu ġej ħadd minn faċċata tiegħi u hekk kif ksirt qabiżni mutur tal-pulizija bil-konsegwenza li laqatni u tilef il-kontroll tal-mutur u rajtu jaħbat ma vettura li kienet ipparkjata u baqa' jitkaxkar.*
>
> *Car No. GVP417*
> *Kont infurmat mill-control room sabiex immur fuq l-inċident stradali li seħħ f' tal-barrani, Żejtun fejn l-ispeed camera. Jien soqt il-mutur GVP417 bil-beacon lights, bis-sirena u bid-dawl mixgħul. Jien rajt van miexi fin-nofs fit-triq 25 ta' Novembru, Żejtun. Peress li kont fuq emerġenza jien kont kostrett li naqbżu u hekk kif qbiżtu dan kiser f' daqqa għal ġo fija bil-konsegwenza li tlift il-kontroll tal-mutur u ħbatt ma' karozza pparkjata għal ma siġra u spiċċajt nitkaxkar fuq karozza oħra pparkjata fil-ġenb. Ix-xufier żied jgħid li*

*fl-ebda mument ma ra li l-vann kellu ndicators jixgħelu kif ukoll kien wieqaf f' nofs tat-triq sabiex jikser fuq in-naħa tal-lemin tiegħu.'*

13. L-iskizz anness mal-imsemmi rapport jindika li fl-*spot of impact* fejn kienet tinstab il-vettura LAJ427 il-linja medjana interrotta fit-triq. Pero' l-Ispettur Anthony Agius xehed li f'nofs it-triq hemm '*continuous white line.'* Da parti tiegħu l-appellant Anthony Axiak xehed li, *'l-line huwa sħiħ abjad. Issa l-fatt li t-triq kienet, għax jekk tgħaddi llum, ma hijiex hekk kollha toqob u l-lines ma jidhirx sew.'* Dan ġie kkonfermat ukoll mill-Ispettur Mario Tonna li xehed li '*kienet saret ukoll perizja fuq il-post ... u kienu ġew prodotti rappreżentanti ta' Transport Malta dwar id-diżgwid li kien hemm jekk il-linja hux suppost kienet dritta jew le. Pero dakinhar tal-ġurnata ta' l-inċident ir-road markings kienu faded ħafna tant li ma tantx stajna nikkostataw x' direzzjoni qed jagħtu.'*

14. Waqt is-smiegħ tal-provi ġew eżibiti ritratti li ttieħdu waqt l-investigazzjoni tal-inċident, u fihom jidhru l-vetturi nvoluti fl-inċident. F'wieħed mir-ritratti, li l-qorti qegħda timmarka Dok. AE1, hu ċar daqs il-kristall li minn fejn qasam il-vann, f'nofs it-triq hemm linja kontinwa. Fehma li l-qorti tkompli ssaħħaħ mir-ritratt li qegħda timmarka Dok. AE2. Ghallinqas dak kien l-istat ta' fatt dakinhar li seħħ l-inċident. Dan ifisser li l-imsejjaħ fil-kawża għamel manuvra kontra l-liġi meta qasam it-triq f'punt fit-triq fejn ma setax jagħmel tali manuvra.

15. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti ma tistax taqbel mat-Tribunal li fil-ħin tal-inċident Aquilina kien qiegħed jaqsam, *"... fuq dik il-parti fejn il-linja medjana hija interrotta"*. Ir-ritratti AE1 u AE2, li ttieħdu *a tempo vergine*, juru mod ieħor.

16. L-appellant jilmenta mill-fatt li t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li fil-ħin tal-inċident is-sewwieq tal-mutur ma kellux is-sirena mixgħula:

> *'l-ispettur Anthony Agius, xehed illi mir-readings tad-Data Track irriżulta illi fil-ħin tal-inċident l-mutur kien qiegħed jinstaq b' veloċità moderata, fattur illi huwa kemm xejn stramb għaliex ġia la darba l-intimat kien qiegħed isuq bis-sirena w kien sejjer jirrispondi sejjħa għall-emergenza wieħed kien jippretendi illi l-ispeed illi kien għaddej bih kien ikun wiehed elevat.*
>
> *Illi għalhekk għal din ir-raguni l-arbitru huwa propens illi jemmen il-verżjoni tal-kjamat in kawża w ċjoe fil-ħin tal-inċident is-sewwieq tal-mutur ma kellux is-sirena mixgħula.'*

17. M'huwiex kontestat li l-intimat Axiak kien ingħata ordni mill-*control room* biex imur fi Triq tal-Barrani, fejn kien seħħ inċident tat-traffiku. Għal dak li

jirriżulta l-*ispeed* tal-mutur, dan m'huwiex ċar. Għalkemm issemma dokument tad-*data track* minn fejn suppost jirriżulta l-velocita' tal-mutur, dan id-dokument ma jirriżultax li qiegħed fl-atti. Hu minnu li l-Ispettur Agius xehed li mid-*data track records* kien irriżulta li l-velocita tal-mutur kienet moderata. Pero' mill-atti ma jirriżultax x'kienet din 'l hekk imsejħa veloċita *'moderata'.* Li hu rilevanti, li mix-xhieda kien biss l-appellant li semma li fil-ħin tal-inċident kellu s-sirena u d-dawl il-blu mixgħulin. Hekk per eżempju, l-appellat Joseph Camilleri, xehed li *"F'daqqa waħda nisimgħu boom u sinċerament dak il-ħin jiena għalja qisu waqa' barmil taż-żejt".* Ix-xhud qatt ma qal li sema' sirena. Kif sema' l-impatt, hekk ukoll probabbilment kien jisma' s-sirena kieku kienet mixgħula. L-istess jingħad fir-rigward tax-xhud George Mintoff, sid ieħor ta' vettura li saritilha l-ħsara, u li kien jinsab fil-pompa tal-petrol li tinsab passi 'l bogħod minn fejn seħħ l-inċident.

18. Il-qorti tosserva kif Aquilina xehed b' mod konfużjonarju. Hekk per eżempju mistoqsi mistoqsi kienx sema' s-sireni wieġeb li le, iżda mistoqsi jekk rax il-*blue lights* tal-mutur mixgħulin eżatt wara d-daqqa, l-ewwel qal li waqqfuh il-pulizija milli javviċina l-mutur (ma jirriżultax li kien hemm pulizija oħra fil-ħin eżatt tal-inċident) imbagħad qal li l-mutur kien 'il bogħod wisq. Wara qal li dam ma ħareġ mill-vann. Kien biss fl-aħħar li qal *'ma rajt xejn'.* Inoltre, mistoqsi jekk ħarisx mill-mera l-ewwel wieġeb li ħares, mistoqsi liema meta kellu nieqsa fil-vann, wieġeb li ma jafx. Fil-fatt mir-ritratti jirriżulta li fuq barra tal-vann kien hemm biss mera fin-naħa tax-xufier. Kieku l-appellant ħares fil-mera, kif qal li għamel, kellu jinduna li hemm mutur tal-pulizija qiegħed jaqbżu. Mir-ritratt stess jidher li Aquilina lanqas ma kellu viżwali mill-mera ta' ġewwa, minħabba l-kaxxa tal-vann(ara ritratt Dok. AE2). Jekk kif qal l-appellat ma raj xejn, probabbilment mhux għaliex ħares imma għaliex ma ħarisx.

19. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> l-appellant jilmenta li t-Tribunal applika l-liġi skorrettament.

20. L-appellant beda billi rrefera għar-regolament 75 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 li jipprovdi li kull min ikun qed isuq vettura għandu jżomm fuq in-naħa tax-xellug tat-triq u meta jkun qed jaqbeż xi vettura oħra għandu jżomm il-vettura tiegħu fuq in-naħa tal-lemin ta' dik il-vettura u li meta jkun ser jibdel id-direzzjoni jew il-kors jew inaqqas is-sewqan jew jieqaf, jew ikun ser jaqbeż xi vettura oħra, kull driver għandu jeżerċita l-kura u attenzjoni xierqa, u għandu juri l-intenzjoni tiegħu b' sinjal b' idejh jew b' indikatur tat-traffiku jew b' dawl ta' indikatur. Saret ukoll referenza għar-regola 196 tal-*Highway Code* li tgħid '*before changing direction reduce speed and keep a watch on the*

*traffic behind you by glancing the mirror'* u għar-regola 199 tal-istess kodiċi li tgħid:

> *'Before changing direction either to the left or right, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror. Make sure that your direction indicator gives the signal intended and that it is cancelled immediately after use.'*

21. Skont l-appellant, Aquilina m'għamilx dak li huwa mitlub minnu mir-regolamenti surriferiti u fil-mument li huwa għamel is-sorpass ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li Jonathan Aquilina kien ser jaqsam il-karreġġata u jikser fuq il-lemin. Jgħid li kollox kien jindika li sakemm it-traffiku iżomm id-direzzjoni li kien qiegħed isuq fih fil-mument ta' sorpass, il-konvenut appellant setgħa itemm il-manuvra tiegħu b' sigurta u bla periklu.

22. L-appellant irrefera wkoll għar-regolamenti 83 u 84 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 dwar vetturi li għandhom il-preċedenza minħabba n-natura tax-xogħol u l-obbligu tas-sewwieqa l-oħra li jersqu bil-ħeffa lejn ix-xellug tat-triq u jieqfu malli jaraw jew jisimgħu xi wieħed mill-mezzi ta' twissija akustiċi jew viżwali li jindikaw li tkun ġejja xi waħda minn dawn il-vetturi. L-appellant jilmenta li t-Tribunal naqas milli jsemmi dawk ir-regolamenti u lanqas ma kkunsidra r-regolament 88 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 li jpprovdi:

*"88. Fejn tkun miżbugħa linja bajda, jew imwaħħla studs madwar kantuniera jew liwja, ebda vettura ma għandha taqbeż oħra li tkun miexja fl-istess direzzjoni.....*

*Iżda dan m'għandux ikun japplika fir-rigward ta' vetturi li għandhom preċedenza minħabba x-xorta tax-xogħol tagħhom kif hemm imsemmi fir-regolament 83 jew kull ħaġa oħra li ssir bil-permess jew skont ma tordna l-Pulizija jew gwardjan lokali jew uffiċjal awtorizzat tal-Awtorita"*.

23. Applikat dawn ir-regolamenti għall-fatti 'l fuq stabbiliti jirriżulta b' mod ċar illi:

- Il-vettura li kien qiegħed isuq Aquilina, qasmet it-triq f'post fejn mhux suppost saret tali manuvra;
- L-appellat Aquilina naqas milli jżomm *proper lookout* tat-triq, inkluż tal-vetturi li ġejjin minn warajh, qabel ma ttenta jaqsam il-karreġġata opposta, u f'post fejn ma kellux jagħmel tali manuvra;
- L-appellat Aquilina naqas milli jindika b'mod ċar li kien se jilwi fuq il-lemin u dan in kwantu mid-deposizzjoni tal-Ispetturi Agius u Tonna rriżulta li filwaqt li l-bozza tal-*indicator* tal-vann kienet tixgħel, ma kinitx itteptep kif suppost.

24. Fiċ-ċirkostanzi m'hemmx dubju li Aquilina għandu responsabbilta' għall-inċident.

25. Pero' hu minnu wkoll li l-appellant għamel manuvra ta' sorpass wara li qabeż il-linja kontinwa li l-appellant kien qiegħed jirrispondi għal sejħa ta' emerġenza, u għalhekk in forza tar-regolament 88 seta' jaqbeż il-linja kontinwa, irrispettivament kienx qiegħed jagħmel użu minn *"mezzi ta' twissija akustiċi u, jew viżwali permezz ta' sireni, qniepen, ħorn b'żewġ ilħna u dawl blu jteptep"* (regolament 83), li kellu fuq il-mutur. Dan irrispettivament kellux is-sirena u d-dawl blu mixgħul. Pero' fil-fehma tal-qorti kellu jkun ċar għall-appellant li l-appellat ma kienx attent għal dak li qiegħed jiġri madwaru, tant li baqa' għaddej f'nofs ta' triq qiesu xejn mhu xejn minkejja li warajh kien hemm mutur tal-pulizija. Il-manuvra li għamel l-appellant kienet fiha nnifisha waħda perikoluża, u ħa riskju li ċ-ċirkostanzi ta' madwaru kienu jitolbu li ma jiħux. Dan iktar u iktar jekk hu veru li s-sirena u d-dawl blu kienu mixgħulin. Jekk dik hi l-verita', l-appellant kellu mill-ewwel jifhem li x-xufier tal-vann ma kienx qiegħed jagħti każ u kellu joqgħod pass lura qabel ma jagħmel manuvra perikoluża ta' sorpass.

26. In vista tal-premess din il-Qorti hi tal-fehma li r-responsabbiltà għall-inċident għandha tinqasam bejn il-kjamat in kawża Aquilina kwantu għal żewġ terzi u terz fuq l-appellant Axiak.

27. Illi permezz tat-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jilmenta ukoll dwar il-fatt li t-Tribunal ordna li għandhom jitħallsu l-imgħaxijiet mid-data tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Jannar 2011 għaliex jikkontendi li ma kienx tort tiegħu li dawn il-proċeduri damu biex ġew deċiżi. Filwaqt li huwa minnu li matul is-smiegħ tal-arbitraġġ kien hemm żmien fejn ma sar xejn sakemm ġie sostitwit l-arbitru, ma jidhirx li l-appellant għamel wisq sabiex dawn il-proċeduri jinqatgħu fl-iqsar żmien possibbli. M'għandux ikun li partijiet jibqgħu passivi matul is-smiegħ tal-proċeduri u mbgħad jilmentaw minn dewmien meta jkun tard wisq. Konsegwentement ma tarax li dan l-aggravju huwa mistħoqq.

**Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tilqa' parzjalment l-appell u tvarja d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ billi:-**

1. **Tiddikjara li l-appellant Anthony Axiak hu responsabbli għall-inċident tat-traffiku li seħħ nhar l-20 ta' Mejju 2009 fiż-Żejtun kwantu għal terz u l-kjamat in kawża Jonathan Aquilina responsabbli għall-istess kwantu għal żewġ terzi.**

2. **Tikkundanna lill-appellant Axiak iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €666.74, bl-imgħax mid-19 ta' Jannar 2011.**

3. **Tikkundanna lil Jonathan Aquilina jħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €1,333.47 bl-imghax mit-28 ta' April 2011, ċjoe' d-data ta' meta ġie nterpellat b'dawn il-proċeduri permezz tal-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali.**

4. **Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu in kwantu għal terz (1/3) a karigu ta' Anthony Axiak u żewġ terzi (2/3) a karigu ta' Jonathan Aquilina.**

Anthony Ellul.